# Is-Snajja' fil-Qala madwar ħamsin/sittin sena ilu.

**minn: Karmnu Portelli**

Fl-aħħar ħarġa ta' "Leħen il-Qala" ktibt dak li ftakart minn tfuliti dwar in-nies tal-kummerċ li kien hawn fir-raħal tagħna. Din id-darba l-editur ħeġġiġni biex naqsam magħkom il-memorji tiegħi dwar in-nies tas-sengħa li kien hawn f'raħalna.

**Skrapan.**



Il-Qala niftakar tnejn li kienu jaħdmu ta' skarpan, Ġużepp Buttiġieġ, li kienu jgħidulu 'iż-Żonoġ' u Vitor Sultan 'il-Bozz'. Ġużepp kien jaħdem ġo tas-Salib, xi żewġt idjar lil hemm mid-dar Parrokkjali. Ġużepp li kien jaħdem ħafna qrieq għall-irġiel, kellu mudell ta' qorq speċjali għall-bdiewa. Dan kien qorq tal-ġild pulit, imma l-pett kien magħmul minn biċċa tajer tal-karozzi użat. Kull nhar ta' Ħadd Ġużepp, bħal ħafna bejjiegħa oħra minn Għawdex kollu, kien imur biex ibiegħ il-prodotti tiegħu fuq il-monti, li kien jintrama fit-taraġ tat-Telgħa tal-Belt (Ċittadella).

Vitor Sultana kien jaħdem fid-dar tiegħu fil-Pjazza fejn illum joqgħod Mons. Anton u oħtu. Vitor kien jaħdem ħafna mudelli ta' żraben u sandlijiet, kemm għall-irġiel kif ukoll għan-nisa. Darba Mons. Anton qalli meta missierhom kien jeħodhom f'xi festa ta' xi raħal, kien joqgħod jinnota xi għamla ta' żarbun ġdid biex imbagħad ikun jista' jagħmel bħalu. Anke Vitor kien imur ibiegħ il-prodotti tiegħu fil-Monti tar-Rabat. Għall-bidu tas-sittinijiet, Vitor kien fetaħ ħanut ta' skarpan fir-Rabat, fl-inħawi ta' wara San Ġorġ, u kien baqa' jaħdem hemm u l-Qala sa kemm irtira. Il-ħanut tar-Rabat wara għadda għand ibnu Joe.

**Bennejja**

Jiġi mal-ewwel f'moħħi l-imgħallem Toni Portelli 'tal-Kirċ'. L-ewwel li niftakru jibni, kienet twaqqgħet id-dar il-qadima tal-Kappillan li kienet fin-naħa tal-knisja fejn illum hemm il-kamra tal-*Generator*, biex minflokha nbniet il-parti tal-knisja tan-naħa tal-Madonna taċ-Ċintura. Meta tħattet din id-dar, il-gallerija tal-injam li kellha, poġġewha mal-ħajt in-naħa l-oħra tat-triq. Tlett itfal li kienu Anton Xerri, 'ta' Kumajru', Joe Borg 'ta' Gajta', u Pawlu Xerri 'ta' Peppi' marru jixxabbtu magħha, din inqalbet u qabdet lil Anton taħtha u kisritlu siequ. It-tnejn l-oħra telqu jiġru, u lil Anton ġiet l-ambulanza u ħaditu l-isptar. Inkompli fuq il-bennejja. Wara li Toni Portelli spiċċa l-bini tal-knisja, daħal mgħallem mal-Gvern, u mal-gaj tal-bennejja, l-imgħallem laħaq Anġelo, hu Toni. Ġeneralment l-imgħallem kien ikun dak li jqiegħed il-ġebel jew jibni.

Ma' dan il-grupp niftakar li kien hemm Toni Falzon, 'il-Fakof', li kien il-manwal, dak li jerfa' l-ġebel, għax f'dan iż-żmien ma kienx hawn inġenji biex itellgħu l-ġebel, imma kien jintrefa' fuq l-ispalla. Il-ġebel il-kbir kien jintrefa' menza, jiġifieri mdendel ma' lasta ħoxna u jġorruh tnejn minn nies. Biex itellgħu l-ġebel bl-ispalla kienu jintużaw slielem apposta, jew inkella l-gobja. In-naġġara li niftakar jaħdmu ma' 'tal-Kirċ' kienu: Pawlu Mizzi ta' Rafel, Toni u Anġlu Borg ta' Bertu, Ġużepp Grima 'ta' Baldini' u Ġużepp Buttigieg 'ta' Ċikku' li għadu ħaj mimli bil-għomor. Anġlu Borg u Ġużepp Grima kienu l-ħaddiema li jaħdmu l-lavur. F'dan iż-żmien dan ix-xogħol tal-bini kien ta' tbatija kbira għax il-ġebel kien jintnaġar bil-mannarett, u minn ġebla bla sura kien irid joħroġ il-kantun. Tistgħu taħsbu kemm kien jirrikjiedi xogħol biex jinbena post, iktar u iktar meta nbniet il-knisja. La semmejt il-knisja, nixtieq insemmi persuni oħra li kellhom sehem importanti wkoll fil-bini (in-naħa li semmejna iktar 'il fuq). Dawn kienu Ġanni Mizzi 'tad-Digu', Mikiel Camilleri 'tal-Bagħdan', u Franġisk 'il-Faxxina', li ħadmu fil-ġebel tas-samm li jidher in-naħa t'isfel mill-pedament sal-qatran.

Bennejja oħrajn kien hawn ukoll Salvu Mizzi 'ta' Rafel', u Frenċu Camilleri 'tal-Bedeq' jew 'ta' Kixxu'. Ma niftakarx jekk dawn kellhomx xi gaj ta' ħaddiema magħhom.

**Kaħħala u Bajjada**

Hawn ser insemmi l-imgħallmin li niftakar l-iktar anzjani fi tfuliti. L-ewwel insemmi lil Salvu Buttigieg, li kienu jgħidulu 'Salvu dejjem'. Miegħu kien jaħdem Ġużepp Vella 'tal-Oħxon'. Kellu jaħdmu wkoll uliedu Frenċu, Anġlu, u Manweli. Dawn wara li ħadmu għal xi żmien ma' missierhom, emigraw lejn Awstralja, u wara xi żmien Anġlu rega' lura u kien jaħdem ta' bajjad bin-nies miegħu.

Tnejn li niftakar li ħadmu miegħu kienu Karmnu Mizzi 'tar-Re', li llum jgħix l-Awstralja u Anġlu Mizzi, 'iċ-Ċallu', li ħalliena dan l-aħħar. Dan imbagħad kien beda jaħdem għal rasu bil-gaj tiegħu.

Mgħallem ieħor ta' dak iż-żmien kien Mikieli Mifsud 'tal-Għażli'. Ħafna żgħażagħ ħadmu miegħu qabel ma emigraw lejn l-Awstralja jew lejn xi post ieħor, imma li niftakar li beda miegħu, imbagħad kompla għal rasu kien neputih, Toni Mifsud 'taċ-Ċana', li għadu ħaj mimli bil-għomor. Dan ukoll għamel xi żmien b'xi ħaddiema miegħu.

Mgħallem ieħor kien Wenzu Buttigieg, 'tal-Kulan', li kienu jgħidulu 'iċ-Chief'. Dan għamel żmien twil jaħdem f'din is-sengħa ta' bajjad u tqegħid ta' madum, u tgħidx kemm żgħażagħ Qalin ħadmu miegħu qabel ma emigraw, għax hekk kienu jagħmlu minn meta joħorġu mill-iskola ta' 14-il sena sakemm ikollhom 18 biex isiefru. Tnejn li niftakar kienu jaħdmu miegħu meta kont żgħir kienu Pawlu Vella, 'tal-Oħxon' u Ġużepp Abela 'tal-Ħanina' u l-istess Toni Mifsud. L-ewwel tnejn kienu ħallewh għax Pawlu daħal jaħdem mar-Rediffusion u l-ieħor daħal mal-gvern wara li kien ukoll għamel xi żmien jaħdem ta' bajjad għal rasu u bin-nies tiegħu.

Wenzu kien mgħallem ukoll fis-sengħa tal-konkos fuq il-bjut tax-xorok. Fil-ħamsinijiet tas-seklu l-ieħor ma kienx hemm għodda biex jintgħaġen il-konkos, u meta kien irid jinkesa xi saqaf tax-xorok kien ilaqqa' xi għaxar jew tnax-il ruħ biex jintgħaġen il-konkos fl-art bil-pali u l-imgħażaq, u mbagħad jittella' fuq il-bejt bit-tarjola mwaħħla ma' gobja, u tnejn jiġbdu l-ħabel minn isfel biex jitla' l-barmil tqil mimli konkos. Wara li l-konkos jitferrex, numru ta' ġuvnotti kienu jballtu l-konkos bil-marżebba biex l-ilma jitla' fil-wiċċ u l-konkos jagħqad.

Ġużepp Vella 'ta' Ħażwejnu', ukoll għamel xi żmien jaħdem ta' bajjad u ukoll kien iħaddem xi lavranti.

Ġużepp Buttigieg li kienu jgħidulu 'iż-Żibġa', ukoll kien jaħdem ta' bajjad u kellu n-nies miegħu, imma dan kien ħalla kollox u telaq lejn l-Awstralja bil-familja b'kollox.

Ġużepp kien imsemmi għad-disinni li kien jagħmel biex isebbaħ il-kmamar li jbajjad.

Bajjad ieħor li kien jaħdem għal rasu, b'Toni, li kienu jgħidulu 'l-Mazzola', bħala lavrant, kien Bernard Vella 'ta' Trejża'.

Hawn nixtieq insemmi tnejn minn nies li għalkemm ma kinux kaħħala u lanqas bajjada, kienu jsebbħu d-djar bis-sengħa tagħhom. Qed nirreferi għal Ġużepp Buttigieg 'ta' Jappa', u Karmnu Camilleri 'l-Gimes'. Dawn kienu jiżbgħu z-zukklaturi fid-djar biż-żebgħa taż-żejt u jagħmluha bid-disinni qisha rħam. Anke turġien tal-ġebel kienu jiżbgħu hekk. Fil-Knisja Parrokkjali kienu għamlu ukoll ħafna xogħol ta' żebgħa.

Xogħol ieħor fil-kostruzzjoni li kien beda għal din il-ħabta kien ix-xogħol tar- *reinforced concrete* li kien jintuża fis-soqfa minflok ix-xorok. Dan il-kwalità ta' xogħol kien bdieh Anġelo Cefai 'tal-Kelba' li kien sħab ma' Carmelo Camilleri min-Nadur. Iktar tard Anġelo kien issieħeb ma' Salvu Camilleri tan-Najsi. Wara xi żmien kulħadd mar għal rasu.

**Xogħol tal-Qfief u Ġummar**



Fi tfuliti fir-raħal niftakar tnejn li kienu jaħdmu il-bxiekel, qfief u qratal. Dawn kienu Toni Thewma u Wenzu Cutajar. Toni, li kienu jgħidulu 'tax-Xirmi', u li kien miżżewweġ lil ziti Tona, kien joqgħod fl-inħawi tal-Kunċizzjoni. Kellu kamra f'kantuniera fi Triq is-Salib u fiha kien jaħdem bxiekel, qfief, kannestri u qratal. Dawn l-oġġetti, li kollha kellhom użu speċifiku, kienu jinħadmu mill-virgi u mill-qasab, bħalma għadhom jinħadmu sal-lum. Hekk per eżempju, bxiekel li kienu jkunu ta' kull daqs, kienu jintużaw għax-xogħol tal-bizzilla, u biex jinġarr kull tip ta' oġġett. Il-qfief kienu jintużaw mill-bdiewa u raħħala fost l-oħrajn, u l-qratal kienu jintużaw biex fihom jinġarr l-għeneb għal għand l-għassar.

Wenzu Cutajar 'tal-Bett', li jiġi missier Joe Cutajar li jikteb poeżiji regolari f'Leħen il-Qala, kien jaħdem l-istess xogħol fid-dar tiegħu fi Triq Ħondoq ir-Rummien, illum Triq Il-Belvedere.

Ix-xogħol tal-ġummar, niftakar li kienu jaħdmuh diversi nies fil-Qala. F'dan ix-xogħol kien jintuża weraq tal-palm niexef sew biex ikun jista' jinħadem forma ta kurdiċella wiesgħa u twila, imbagħad tinħatt f'għamla tal-oġġett li jkun hemm bżonn. L-iktar li niftakar kienu ġwielaq u kpiepel kbar li kienu jintużaw mill-ħaddiema li jaħdmu barra għax-xemx speċjalment fis-sajf. Dawk li niftakar jaħdmu dan ix- xogħol huma: Ċisju, Saver u Bennarda Scicluna li kienu magħrufa bħala 'tal-Bonn'; Marija Buttiġieġ 'ta' Kenuna' li kienet tiġi n-neputija tal-aħwa Scicluna; l-aħwa kollha tal-familja 'tas-Smid' fosthom Ġanna Buttiġieġ 'ta' Ħanflippu', u Kelina Mercieca 'tax-Xaqq' u Kristina Abela 'tal-Hanina'.

**Mastrudaxxi**

F'dan iż-żmien fil-Qala kien hawn numru ta' mastrudaxxi. Dawk li niftakar sewwa jien kienu l-aħwa Karmnu, Binu u Ġużepp Mercieca 'ta' Manweli', li kienu armati fil-kantuniera ta' Triq it-Telgħa ma' Triq il-Wileġ. Dawn kienu jaħdmu kollox bl-idejn u ma



kellhom l-ebda magna tal-isserrar. L-iktar li kienu jaħdmu kienu aperturi, i.e. bibien u twieqi. Ġużepp, barra li kien mastrudaxxa kien ukoll skultur prim. Hu ħadem l-iskultura kollha tal-knisja tal-Qala.

Kien hemm ukoll żewġt aħwa oħra li kienu mastrudaxxi, Ġużepp u Karmnu Mercieca 'ta' Pietru'. Dawn l-aħwa, li kellhom magna għall-injam u kienu armati fuq il-Wileġ, kienu ukoll l-iktar li jaħdmu aperturi. It-tifel ta' Ġużepp, Karmnu, għadu jaħdem ta' mastrudaxxa sal-lum.

Mastrudaxxa ieħor kien Toni Portelli 'ta' Pasku', li għamel żmien jaħdem quddiem il-Kunvent tas-Sorijiet fi Triq il-Kunċizzjoni, imbagħad rama fi triq l-Imgarr. Toni, li kien armat sewwa bil-magni, kien jaħdem kemm aperturi kif ukoll għamara.

Kien hemm ukoll Mikieli Cauchi 'tal-Koxx' li wkoll kien jaħdem ta' mastrudaxxa fid- dar tiegħu fi Triq il-Kunċizzjoni. Imma dan ftit niftakru għax kien għadni żgħir meta żarma u emigra lejn l-Amerika. Imma niftakar li kien jaħdem it-tabelli tal-ħwienet, u kien anke tajjeb biex ipitter.

Għall-ħabta ta' nofs il-ħamsinijiet rama jaħdem ta' mastrudaxxa Karmnu Portelli 'tax-Xirmi', li jiġi l-kuġin tiegħi. Għall-bidu Karmnu kien jaħdem f'maħżen ġo tas-Salib, imbagħad meta bena kien ġarr kollox għal fejn joqgħod illum, ħdejn il-Mużew tas-Subien. Karmnu l-iktar li kien jaħdem kienet għamara, u kien ukoll pijunier fil-lostru tat-tajjara. Għall-bidu tas-sittinijiet kien daħal bħala "instructor" fi Skola tas-Snajja' fejn baqa' sa kemm irtira biż-żmien.

Propjetarju ieħor li kien jaħdem fl-injam mill-Qala kien Loretu Xuereb 'tal-Ħarti'. Dan kien armat jaħdem l-għamara r-Rabat, għall-bidu ħdejn il-knisja ta' San Ġakbu, u mbagħad fit-Tiġrija quddiem l-HSBC. Loretu ma kienx jaħdem hu personali fl-injam, imma kellu numru ta' mpjegati miegħu, kemm żgħażagħ mill-Qala kif ukoll mir-Rabat. Għal dak iż-żmien, fuq 60 sena ilu, wieħed jista' jgħid li Loreto kellu fabbrika żgħira li tipproduċi l-għamara. Barra minnhekk Loreto kien ukoll jimporta siġġijiet minn barra speċjalment miċ-Ċekoslovakkja. Ħafna żgħażagħ mill-Qala ħadmu u tgħallmu miegħu, fosthom Ġużepp Mifsud 'tar-Raġel', li mbagħad rama jaħdem ta' mastrudaxxa għal rasu, fejn illum għandu l-ħanut tal-Ironmongery. Anke Fredu Mercieca, 'ta' Ċilla', għamel żmien jaħdem ma' Loreto, imbagħad rama għal rasu fejn għadu jaħdem sal-lum. Meta Loreto Xuereb miet fis-sittinijiet, ix-xogħol tiegħu komplieh neputih, Kelinu Spiteri, 'il-Ħarti', u meta Kelinu rtira, komplew uliedu, u llum hemm ibnu Lorry.

Ta' min isemmi ukoll lil Ġużepp Buttiġieġ, 'il-Bimbu'. Dan kien jirranga l-frejgatini fil-ħanut li kellu l-Imġarr, Għajnsielem. Ġużepp kien jinżel u jitla' kuljum ix-xatt bil-mixi, u jġorr ġewlaq bl-għodda wara dahru. Id-dar li fiha kien joqgħod hu u martu qrib il-Mużew, illum tintuża bħala maħzen għall-armar tal-Festa.

**Ħjata u Bizzilla.**



Meta kont żgħir jien, kien hawn diversi ħajjata nisa fil-Qala. Ommi kienet waħda minnhom, u niftakarha tħit kemm ħwejjeġ għan-nisa kif ukoll qliezet u qomos tal-irġiel. Lilna, sakemm kellna ħmistax-il sena, dejjem hi ħititilna. Ħajjata oħra li kienu jħitu lin-nies kienu l-aħwa Portelli 'tal-Kirċ', Karmena Camilleri 'tan-Najsi', l-aħwa Mananni u Ċetta 'taċ-Ċaqna', u anke Ġulina bdiet f'dan iż-żmien. F'dan iż-żmien bdiet ukoll Ġużeppa Camilleri 'tal-Makku', li għadha tħit sal-lum. Ġużeppa kienet tat daqqa t'id sewwa ukoll meta kien jinħadem id-damask tal-knisja.

Xogħol tal-bizzilla kien komuni ħafna fost il-komunità femminili tal-Qala. Impossibbli li wieħed isemmi lil kulħadd. Jien l-iktar li niftakar huma erba' nisa li meta kien ikun il-bnazzi kienu joħorġu wara nofsinhar jaħdmu l-bizzilla għad-dell tal-knisja in-naħa tagħna. Dawn kienu Ġużeppa 'tal-Basli', Marija 't-Tamla', Karmni Mizzi, 'Majna', u Ġulina 'tax-Xirmi', omm Karmnu li kienet ukoll ziti.

Nixtieq insemmi ukoll żewġ nisa oħra, Reġina Mifsud 'tal-Kalar', u Melita Borg 'ta' Gajta'. Dawn ma niftakarhomx jaħdmu bizzilla imma rakkmu bil-ħajt tad-deheb fuq disinni li kien jagħmlilhom Dun Ġużepp Vella. Fil-knisja hemm ħafna xogħol minn tagħhom.



Kien hawn sengħa oħra li kienu jagħmlu n-nisa ta' dak iż-żmien. Din kienet l-insiġ li kienu jagħmlu mis-suf tan-nagħaġ, u mbagħad jaħdmu l-flokkijiet bil-labar, u jilbsuhom l-irġiel fix-xitwa taħt xi qmis. Dawn kienu popolari ħafna mal-irġiel dak iż-żmien għax nagħaġ kien hawn ħafna u ħafna kien ikollhom is-suf x'jinsġu. Jien niftakar lil Frenċa Portelli 'taż-Żabbar', li kienet ukoll ziti, tinseġ bl-imgħażel u mbagħad hi u ż-żewġ uliedha bniet jaħdmu l-flokkijiet.

**Barbiera.**



Fi tfuliti kien hawn tlieta armati f'din is-sengħa: Ġanni Muscat,' Ċepula', li kien armat fi Triq in-Nadur quddiem il-forn tal-Mulejja, Karmnu Mercieca 'ta' Pietru', li kien armat fil-Pjazza. Dan għamel ħabta kellu miegħu jgħinu n-neputi tiegħu Pawlu Falzon li llum jgħix il-Kanada, u Ġużepp Vella 'ta'Trejża' li kien jgħinu ibnu Salvu.

Dawn kienu jiftħu l-Ġimgħa wara nofsinnar u s-Sibt il-ġurnata kollha. Dak iż-żmien barra xogħol tax-xagħar, kien ikollhom ukoll ħafna anzjani biex iqaxxru l-leħja, għax billi x-xafra tal-leħja ma tantx kienet komuni, ħafna ma kinux jafu, jew jibżgħu jqaxxru l-leħja bil-mus apposta tal-leħja.

**Snajja' Oħra**

Hawn nixtieq insemmi xi żewġ snajja' li min kien jipprattikahom kien jipprattikahom qisu *"part-time"* jew kif ngħidu aħna ta' dilettant. Għandi f'moħħi s-sengħa ta' landier. Salvu Vella 'ta' Trejża' kien jaħdem ħafna ta' landier, u barra li kien isewwi xi affarijiet li jeħdulu n-nies, ħadem ħafna xogħol tal-landa għall-armar tal-Festa.

Persuna oħra li kien jaħdem ta' landier kien Frenċu Buttigieg 'tal-Fallakka'.

Ma rridx nagħlaq dan l-artiklu u ma nsemmix lil xi persuni li kienu jaħdmu ta' *"electrician part-time"*. Dawn kienu Dun Ġużepp Vella, u neputih Salvu li llum jgħix fl-Awstralja; Pawlu Buttigieg 'il-Basli' u Pawlu Attard 'ta' Rnellu'.

Kien hemm ukoll Pawlu Vella tal-Oħxon, u Ġanni Cefai 'tal-Kitarra'. Dawn għalkemm ma kinux jipprattikaw din is-sengħa bħala xogħol prinċipali, it-tnejn għandhom il-Liċenzja ta' *Electrician*.

**Għeluq.**

Nagħlaq din il-kitba tiegħi billi nerga' ntenni li kulma ktibt, ktibtu mill-memorja, u għalhekk faċli li ħarbitli xi ħaġa. Jekk f'dak li semmejt ma kontx preċiż biżżejjed, niskuża ruħi, u nħeġġeġ lil kulħadd biex jikkuntattja lili, jew lill-editur, ħalli nirranġaw xi żball fil-ħarġa ta' wara. Mill-ġdid niskuża ruħi ma' xi familji li dehrilhom li kelli nsemmihom u ħallejthom barra. ■


